



---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2021/2127(DEC)**

7.2.2022

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena finanzjarja 2020 (2021/2127(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pierre Karleskind

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2020, ir-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija għall-2020 kif ukoll l-analiżi u l-valutazzjoni ta' dak ir-rapport min-naħa tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija;
2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għad-dikjarazzjoni tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet relatati mal-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020;
3. Jinnota li l-Aġenzija rċeviet EUR 16,9 miljun f'kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 1,2 % meta mqabbel mal-2019; jirrimarka li l-Aġenzija għandha wieħed mill-aktar baġits annwali u ammonti totali ta' persunal baxxi fost l-aġenziji tal-Unjoni;
4. Jirrikonoxxi li s-sena finanzjarja 2020 kienet iddominata mill-pandemija tal-COVID-19; jinnota li din il-kriżi kellha impatt qawwi fuq ir-rata ta' implimentazzjoni tax-xogħol ipplanat mill-Aġenzija, li niżlet minn 99 % fl-2019 għal 90 % fl-2020; jenfasizza, madankollu, li minkejja ċ-ċirkustanzi, l-Aġenzija rnexxielha timplimenta l-baġit tagħha b'rata ta' 97,3 % għall-impenji u 81,2 % għall-pagamenti;
5. Ifakkar fl-importanza tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS); jirrikonoxxi l-kontribut essenzjali tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni ta' dawk l-oġettivi; jenfasizza li l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd huwa primarjament responsabbiltà tal-Istati Membri, filwaqt li n-natura tal-kompiti tal-Aġenzija hija waħda ta' appoġġ; jissottolinja li r-reviżjoni tar-regolamentazzjoni dwar il-kontroll tas-sajd se żżid ix-xogħol tal-Aġenzija f'termini ta' appoġġ; jenfasizza l-inkoerenza fit-tentattivi li jiġu indirizzati obbligi dejjem akbar mingħajr biżżejjed riżorsi; jissottolinja, għalhekk, li l-Aġenzija jeħtieġ ikollha biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għad-dispożizzjoni tagħha fis-snin li ġejjin;
6. Jinnota li, fl-2020, l-Aġenzija kkoordinat 38 452 spezzjoni fuq bastimenti tas-sajd, li wasslu għall-identifikazzjoni ta' 1 682 każ ta' ksus suspettat, li jirrappreżentaw żieda ta' 18,75 % u 44,25 % rispettivament meta mqabbla maċ-ċifri tal-2019; jemmen li dawn iċ-ċifri juru li l-ispezzjonijiet u l-attivitajiet ta' segwitu jibqgħu għodda kruċjali biex tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli tal-PKS; jinnota, madankollu, li din iż-żieda taħbi differenzi bejn żona u oħra, b'żieda fl-Ilmijiet tal-Punent (+27 %) u fil-Baħar Mediterran (+141 %) u tnaqqis fil-Baħar Baltiku (-20 %), fil-Baħar tat-Tramuntana (-49 %), fil-Baħar l-Iswed (-11 %) u fin-NAFO-NEAFC (-36 %); jistieden lill-Aġenzija tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-raġunijiet għal dawn il-bidliet; jirrimarka li l-ispezzjonijiet u attivitajiet oħra ta' segwitu għandhom rwol kruċjali mhux biss fil-ġestjoni tajba tal-istokkijiet tal-ħut iżda anke fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda tal-Unjoni;
7. Jilqa' l-fatt li, mill-2017 'l hawn, il-ftehim ta' ħidma tripartitiku bejn l-Aġenzija, l-

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ħadem sew; jinnota li l-Aġenzija assumiet il-presidenza ta' dan l-arranġament f'Mejju 2020; iqis dan l-arranġament bħala eżempju ta' sinerġija bejn l-aġenziji tal-Unjoni li għandu jservi bħala sors ta' ispirazzjoni għal aġenziji f'oqsma oħra; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward u jqis li jkun xieraq ukoll li tizzied il-kooperazzjoni bejnha u bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

8. Jenfasizza l-assistenza pprovduta mill-Aġenzija lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u r-rwol kruċjali tal-Aġenzija biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi mal-istati kostali kollha; jišhaq, f'dak ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi allokatu lill-Aġenzija bil-għan li tkun tista' tiġi ġestita ż-żieda fil-volum ta' xogħol ikkawżata mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u kwalunkwe konsegwenza li r-relazzjoni l-ġdida jista' jkollha għall-qafas ta' kontroll tas-sajd;
9. Jinnota li, għall-biċċa l-kbira tas-sena finanzjarja, it-tabella tal-persunal kienet mimlija kompletament, bil-ħatra ta' 60 aġent temporanju mill-61 awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2020;
10. Jieħu nota tal-politika tal-Aġenzija li tippromwovi t-trattament indaqs tal-persunal u l-objettiv tagħha li jintlaħaq bilanċ bejn is-sessi, kemm f'termini ta' numri kif ukoll f'termini ta' gradi u livelli ta' responsabbiltà; jiddeplora fermament il-fatt li n-nisa jirrappreżentaw biss 30 % tal-persunal impjegat fi grad AD 8 jew ogħla; jilqa' n-nomina reċenti ta' Susan Steele bħala d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-Aġenzija; jinnota, madankollu, li n-nomina tagħha ma tippermettix li tintlaħaq parità fil-livell manidgerjali, billi l-pożizzjonijiet kollha ta' kap ta' unità huma okkupati minn irġiel; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha fir-rigward tal-politika ta' parità bejn is-sessi bil-għan li jsir progress lejn parità fil-livell manidgerjali wkoll;
11. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport ta' kwittanza tal-2019, fuq is-sit web tagħha qed tiġi ppubblikata informazzjoni dwar laqgħat rilevanti tad-Direttur Eżekuttiv u tal-persunal ma' organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni; jistieden lill-Aġenzija taġġorna regolarment il-paġna b'tali mod li jkun hemm trasparenza u fiduċja sħiħa fl-attività tal-Aġenzija;
12. Jipproponi li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.2.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 2 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Maria da Graça Carvalho, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Giuseppe Ferrandino, Søren Gade, Francisco Guerreiro, Anja Hazekamp, Niclas Herbst, Jan Huitema, Ladislav Ilčić, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Grace O'Sullivan, João Pimenta Lopes, Manuel Pizarro, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carmen Avram, Valentino Grant

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
PPE	François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Peter van Dalen, Niclas Herbst, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Jan Huitema, Pierre Karleskind
S&D	Clara Aguilera, Carmen Avram, Pietro Bartolo, Giuseppe Ferrandino, Predrag Fred Matić, Manuel Pizarro
The Left	Anja Hazekamp
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

2	-
ID	France Jamet
The Left	João Pimenta Lopes

4	0
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
ID	Rosanna Conte, Valentino Grant

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni